Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2022/2154(INI)

27.6.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar it-tisħiħ tad-dritt ta' parteċipazzjoni: il-leġittimità u r-reżiljenza tal-proċessi elettorali fis-sistemi politiċi illiberali u fir-reġimi awtoritarji
(2022/2154(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nacho Sánchez Amor

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà dwar it-tisħiħ tad-dritt ta’ parteċipazzjoni: il-leġittimità u r-reżiljenza tal-proċessi elettorali fis-sistemi politiċi illiberali u fir-reġimi awtoritarji
(2022/2154(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u b’mod partikolari l-Artikolu 21(3) tagħha,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Kumment Ġenerali Nru 25 tiegħu dwar id-dritt ta’ parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi, id-drittijiet tal-vot u d-dritt ta’ aċċess ugwali għas-servizz pubbliku,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 5(c) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta’ Diskriminazzjoni Razzjali,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Prinċipji tan-NU għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ April 2000 dwar l-għajnuna u l-osservazzjoni tal-UE waqt l-elezzjonijiet (COM(2000)0191),

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tan-NU għall-Istati dwar l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt ta’ parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Viċi President tal-Kummissjoni / tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-10 ta’ Ġunju 2020 intitolata “Pjan ta’ Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024” (JOIN(2020)0005).

– wara li kkunsidra l-Artikolu 118 tar-Regoli ta’ Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0000/2023),

A. billi d-dritt taċ-ċittadini li jivvutaw u li jiġu eletti f’elezzjonijiet demokratiċi ġenwini u perjodiċi huma drittijiet tal-bniedem fundamentali u rikonoxxuti internazzjonalment;

B. billi l-Artikolu 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt li jieħu sehem fil-gvern ta’ pajjiżu u li r-rieda tal-poplu, espressa permezz ta’ elezzjonijiet perjodiċi, ġenwini u universali, trid tkun il-bażi tal-gvern; billi dan il-messaġġ huma mtenni fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

C. billi skont l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, id-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ħielsa u ġusti huwa intrinsikament marbut ma' drittijiet bażiċi oħra, bħad-drittijiet għal-libertà mid-diskriminazzjoni, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni;

D. billi elezzjonijiet demokratiċi ġenwini huma aspett indispensabbli tal-governanza inklużiva, peress li jipprovdu mandat lill-awtoritajiet miċ-ċittadini;

E. billi aktar minn 75 % tan-nies jgħixu f'pajjiżi mhux demokratiċi, u dan jillimita d-drittijiet bażiċi tal-bniedem tagħhom; billi l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili jinfluwenza b'mod negattiv id-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ġenwini;

F. billi d-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ġenwini mhuwiex rispettat f'reġimi awtokratiċi u illiberali, li jressqu elezzjonijiet fittizji bl-għan li jsaħħu s-setgħa tagħhom; billi elezzjonijiet bħal dawn la huma ħielsa u lanqas ġusti, ma għandhomx kontestazzjoni politika reali u jimponu restrizzjonijiet żejda fuq id-dritt kemm tal-vot kif ukoll tal-elezzjoni;

G. billi r-reġimi awtokratiċi u illiberali qed ifasslu dejjem aktar narrattiva li tippreżenta l-elezzjonijiet mhux demokratiċi tagħhom bħala ġenwini sabiex jiksbu leġittimità internazzjonali u domestika, li mhijiex ġustifikata minħabba n-natura mhux demokratika li biha jsiru l-elezzjonijiet; billi din il-leġittimità mbagħad tintuża domestikament biex issaħħaħ il-konformità u l-appoġġ tan-nies għar-reġim u d-dritt tiegħu li jiggverna, u biex tnaqqas u tiddeleġittimizza kwalunkwe oppożizzjoni kontra r-reġim;

H. billi d-dgħufija tal-indipendenza ġudizzjarja u l-istat tad-dritt u r-rigress demokratiku ġenerali f'reġimi awtokratiċi u illiberali jippermettu l-istrateġiji ta' leġittimizzazzjoni ta' dawn ir-reġimi;

I. billi r-reġimi awtokratiċi u illiberali żviluppaw modi u strateġiji ġodda ta' finta konformità biex jegħlbu l-ispejjeż ta' konformità sħiħa mal-istandards internazzjonali ta' osservazzjoni elettorali mingħajr ma ħabbruhom b'mod ċar; billi qed jorganizzaw irwieħhom dejjem iktar fl-isforzi tagħhom biex jipprovdu leġittimità internazzjonali meta jeleġġu wieħed lill-ieħor;

J. billi s-severità u l-iskala tal-attakki kontra osservaturi elettorali mhux partiġġjani – inklużi l-fastidju, il-malafama, it-theddid, il-ksur tad-drittijiet u l-vjolenza fiżika – intensifikaw f'dawn l-aħħar snin, u ħolqu ambjent ta' inċertezza u nuqqas ta' sigurtà fir-rigward tal-ħidma importanti tagħhom; billi l-UE tqis li l-osservaturi tal-elezzjonijiet huma difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

K. billi t-tensjonijiet bejn id-demokraziji u r-reġimi awtoritarji qed isiru aktar ġeopolitiċi; billi din it-tendenza tirrikjedi li l-UE tqajjem it-tħassib demokratiku tagħha fl-ogħla livell politiku, inkluż billi tibni alleanzi aktar strateġiċi għad-demokrazija u billi tqis id-demokrazija bħala interess strateġiku u bħala parti ewlenija mill-istrateġiji ġeoekonomiċi u kummerċjali tagħha;

L. billi l-UE għandha tadotta approċċ sistematiku rigward id-dritt ta' parteċipazzjoni, inkluż billi turi r-rabta qawwija tagħha mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-

istat tad-dritt;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

Għarfien tad-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ġenwini

(a) ifasslu u jimplimentaw azzjonijiet tal-UE aktar deċiżivi biex jippromwovu u jipproteġu d-dritt għall-parteċipazzjoni, bħala parti minn strateġija ħafna usa' dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ għad-demokrazija;

(b) jissottolinjaw l-interkonnessjoni intrinsika bejn id-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ġenwini u libertajiet fundamentali oħra, b'mod partikolari l-libertajiet ta' moviment, opinjoni u espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni, kif ukoll id-dritt li wieħed ikun ħieles mid-diskriminazzjoni, li mingħajrha t-tgawdija effettiva tad-dritt ta' parteċipazzjoni f'elezzjonijiet ġenwini hija impossibbli; jissottolinjaw, barra minn hekk, ir-rwol kruċjali tal-istat tad-dritt f'dan ir-rigward;

(c) jissimplifikaw id-dritt għall-parteċipazzjoni fis-sett ta' għodod tal-azzjoni esterna tal-UE;

(d) jirrikonoxxu s-severità tad-diffikultajiet li l-persuni li jgħixu taħt reġimi awtokratiċi u illiberali jkollhom biex jaċċessaw informazzjoni mhux preġudikata relatata mal-elezzjoni u jagħżluha minn fost propaganda sponsorjata mir-reġim, inkluża informazzjoni affidabbli dwar il-kandidati, il-preferenzi tal-votazzjoni u t-tmexxija tal-proċess elettorali, hekk kif dan ifixkel il-kapaċità tagħhom li jifhmu jekk l-elezzjonijiet humiex verament kompetittivi u jekk il-preferenzi taċ-ċittadini humiex riflessi fir-riżultati;

Għodod u proċeduri tal-UE

(e) jiġġieldu n-narrattiva promossa minn reġimi awtokratiċi u illiberali li għandhom mandati miċ-ċittadini tagħhom bħala riżultat ta' elezzjonijiet ġenwini; jifformulaw, f'dan ir-rigward, strateġija globali komprensiva tal-UE biex tiġġieled l-għodod li dawn ir-reġimi jużaw biex jilleġittimizzaw l-elezzjonijiet, bħal osservaturi foloz u gruppi ta' osservazzjoni elettorali paralleli minflok missjonijiet internazzjonali standardizzati;

(f) isaħħu r-rabta bejn il-ħidma ta' osservazzjoni elettorali u l-appoġġ usa' tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bl-użu kemm ta' għodod politiċi kif ukoll ta' kooperazzjoni; jikkunsidraw strateġiji awtoritarji ta' leġittimizzazzjoni elettorali bħala sintomi bikrija ta' xejriet sottostanti mhux demokratiċi u jirreaġixxu kif xieraq;

(g) jiġġieldu l-isforzi tar-reġimi awtokratiċi u illiberali biex joħolqu perċezzjonijiet interni foloz tal-ġenwinità tal-elezzjonijiet foloz tagħhom; jagħtu attenzjoni partikolari lill-abbużi mit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni mir-reġimi awtokratiċi u illiberali relatati mal-elezzjonijiet, li qed jokkorru dejjem aktar sabiex jaffettwaw b'mod negattiv il-parteċipazzjoni billi jxerrdu l-propaganda u d-diżinformazzjoni u billi jimplimentaw restrizzjonijiet fuq l-aċċess

għall-informazzjoni dwar l-ideat u l-kandidati tal-oppożizzjoni;

(h) jirrikonoxxu r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili fid-deleġitimizzazzjoni ta' elezzjonijiet foloz f'għajnejn il-popolazzjonijiet lokali; jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-midja, inkluż permezz ta' strateġiji ta' bini tal-kapaċità u ta' komunikazzjoni, u billi jiġbru data dwar il-ksur tad-dritt li jipparteċipaw f'elezzjonijiet ġenwini; jappoġġaw, b'mod partikolari, lill-osservaturi tal-elezzjonijiet lokali, li l-attivitajiet tagħhom jsaħħu t-twemmin tan-nies li d-dritt tagħhom li jipparteċipaw f'elezzjonijiet ġenwini se jiġi rrispettat;

(i) jintegraw l-informazzjoni dwar elezzjonijiet ġenwini u d-dritt tan-nies li jipparteċipaw fihom, fil-kuntest tal-appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-proġetti taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali u l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, inkluż appoġġ għall-osservaturi elettorali bħala difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappoġġaw il-Kampus Globali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem biex jintlaħaq dak l-għan;

(j) jagħmlu użu mis-sett ta' għodod tad-diplomazija kulturali u tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tal-UE biex isaħħu d-dritt tal-parteċipazzjoni, jiġġieldu n-narrattivi tar-reġimi awtokratiċi u illiberali li jippruvaw jilleġittimizzaw l-elezzjonijiet foloz u jsaħħu l-kultura demokratika f'pajjiżi mhux tal-UE;

(k) jagħtu aktar appoġġ lill-inizjattivi relatati mat-taħriġ dwar l-osservazzjoni elettorali u l-bini tal-għarfien;

(l) jesploraw il-possibbiltà li jintroduċu stedina permanenti għall-osservazzjoni elettorali fi ħdan il-klawżola demokratika fil-ftehimiet tal-UE, l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi u mekkaniżmi ekwivalenti, meta wieħed iqis in-nuqqas ta' rieda attwali ta' ħafna pajjiżi li jibagħtu stediniet ta' osservazzjoni elettorali lill-UE; jappoġġaw il-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet tal-Parlament u l-ħidma tiegħu, speċjalment fil-qafas tal-osservazzjoni elettorali;

(m) jinkludu l-eżiti tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE bħala parti essenzjali mill-qafas ġenerali għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiż ikkonċernat;

(n) jindirizzaw id-dritt ta' parteċipazzjoni f'pajjiżi li mhumiex fl-UE permezz ta' djalogi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

(o) jużaw ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem għal persuni responsabbli għal ksur serju tad-dritt tal-parteċipazzjoni u tal-istandards elettorali demokratiċi;

(p) jirrikonoxxu r-rwol tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE fl-għoti ta' evidenza dwar jekk l-elezzjonijiet humiex ġenwini u jtejbu aktar din l-għodda, inkluż billi jsaħħu l-viżibbiltà tagħha;

Azzjonijiet tal-UE fil-fora internazzjonali

(q) joħolqu koalizzjoni ta' pajjiżi demokratiċi u istituzzjonijiet multilaterali, bħall-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, biex jiġġieldu l-leġittimità tal-elezzjonijiet foloz b'mod aktar effettiv fil-fora internazzjonali, b'mod partikolari n-NU;

(r) javvanzaw l-idea li jiġu żviluppati linji gwida dwar id-dritt ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, bl-involviment akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali; jivvalutaw il-fattibbiltà tal-iżvilupp u s-sistematizzazzjoni ulterjuri tal-Kumment Ġenerali Nru 25 għall-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi bħala evidenza tar-rabta bejn id-dritt għall-parteċipazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda, inkluża d-diżinformazzjoni online u ż-żieda fl-awtoritarjaniżmu;

(s) jikkundannaw it-theddid tal-istandards żviluppati internazzjonalment bħala parti mill-isforzi ta' leġittimizzazzjoni elettorali; jagħtu attenzjoni partikolari lin-narrattivi li jressqu 'l quddiem valuri alternattivi bħala s-sors ta' leġittimità għal elezzjonijiet mhux ġenwini, bħas-supremazija normattiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq standards żviluppati internazzjonalment, valuri reliġjużi u tradizzjonali, idjosinkraziji kulturali jew aġendi li jpoġġu l-iżvilupp fuq quddiem;

(t) imexxu l-isforzi biex tingħata aktar viżibbiltà lid-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji tan-NU għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali u l-ħidma ta' dawk l-organizzazzjonijiet li ffirmawha u li huma attivi fl-osservazzjoni elettorali; jikkunsidraw li jappellaw biex il-lista ta' firmatarji għad-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali tiġi aġġornata, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kredibbiltà tagħha u jiġi stabbilit mod ċar ta' kif issir distinzjoni bejn gruppi ta' osservazzjoni ġenwini u osservaturi foloz; jesploraw modi biex jheddu l-leġittimità tal-organizzazzjonijiet paralleli u l-osservaturi foloz;

(u) jippromwovu l-identifikazzjoni espliċita ta' osservaturi elettorali internazzjonali u nazzjonali mhux partiġġjani bħala difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-fora multilaterali rilevanti u bħala parti mill-kuntatt tal-UE ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u jinsistu fuq il-protezzjonijiet meħtieġa għal osservaturi elettorali mhux partiġġjani, sabiex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u sikur;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.